IR-RABA' KTIEB TAS-SEBA' SENA

DIĊEMBRU 1931

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Inħobbu l-Ilsien Malti — Lill-Knisja (Dun Karm) Ilsien Malti u Ilsien tal-Marokk (T. Z.) — Qalb l-Egħlieqi (A.C.) — Is-sentiment Reliġjus fil-kliem u fil-għidud Malti (Dun Karm) — L-Iskrapan Maltin fl-ewwel snin tal-Ingliżi f'Malta (Ġużè Gatt) — Kliem Għarbi fit-Taljan u fil-Malti (Sajdun) — Fejn kienet il-Ġenna tal-art? (Dun P. P. Grima) — Xewqat (C. M.B.) — Il-Ħemda (Alf. Nicholas) — Kritka.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IR-RABA' KTIEB TA' L-1931

## INĦOBBU L-LSIEN MALTI

Il-lsien malti hawn min iħobbu u hawn min ma jħobbux. Ma naħsbux illi fost il-Maltin hawn min jobogħdu; għallinqas ma naraw l-ebda raġuni għaliex wieħed għandu jarmi u jirfes ilsien pajjiżu.

Il-lum erba' kelmiet lil dawk li jħobbuh, biex ingħidulhom iħobbuh iżjed: darb'oħra erba' kelmiet lil dawk li ma jħobbuhx, biex ingħidulhom jibdew iħobbuh.

L-imħabba tfisser għamil, ħidma, mhux kliem. Min iħobb bil-kliem biss ma jħobb xejn.

Dawk li jħobbu l-lsien malti jew huma kittieba, inkella qarrejja.

Lil ta' l-ewwel—lill-kittieba—ngħidulhom: Ħobbu dejjem iżjed il-lsien tagħkom, billi a) tħaddmuh, b) issaffuh, c) tagħnuh, d) torqmuh.

*Ħaddmuh*, għaliex l-ilsna bħal biċċa għodda tal-ħadid jew tal-azzar; jekk tħaddimha, iżżommha dejjem tlekk, nadifa u kaddejja; jekk tħalliha qe'għda, titlef lewnha, issaddad, u ma taqdikx.

*Saffuh;* la ddaħħlux bla bżonn kliem barrani, iżda fittxu li tħaddmu l-kelma maltija għal kull ħsieb u għal kull ġibda tal-qalb: u meta jinħtiġilkom iddaħħlu xi

kelma barranija, atuha sura minn tagħna, maltija, bħal ma għandna ħafna kliem li, għalkemm barrani, ma jingħarafx minn dak li hu qadim u ewlieni f'ġensna.

*Għanuh ;* ħaddmu, jekk jista' jkun, il-kliem kollu li għandna fi lsienna : tinqdewx dejjem bl-ewwel erba' kelmiet li jiġu f'raskom intom u tiktbu, għax b'hekk ħafna kliem jintesa u jmut. Daħħlu għidud ġdid u xbihiet ġodda li jġibu tajjeb mal-ħsieb jew mal-ħaġa li tridu tgħidu, għaliex it-taħdit imxebbaħ iżid, ikabbar u jgħani lil-lsien. Daħħlu wkoll, bil-għaqal u bid-dehen li jitolbu l-liġijiet tal-ilsna, kliem ġdid biex tfissru ħsebijiet u ħwejjeġ ġodda: tisselfux b'għajnejkom magħluqa.

*Orqmuh :* naqquh mill-kliem fieragħ, mill-għidud imgħawweġ, minn xi ilħna ħorox ; atuh nisġa mżewqa fil-vokali, fil-konsonanti, fil-kliem ; atuh mixja ħafifa u daqq ħelu għall-widna. Is-sabiħ jingħoġob u jinħabb, għaliex, bħal ma għanna Keats, « Ħaġa sabiħa għajn ta' ferħ għal dejjem ».

Lil tal-aħħar—jiġifieri lill-karrejja—ngħidulhom : Ħobbu dejjem aktar lil-lsien tagħkom :

a) billi tagħżlu u tixtru dawk il-kotba li huma miktubin tajjeb, jiġifieri li fihom mhux biss ħsebijiet mimlija u fejjieda, ħsus xerqin u tagħlim fuq il-ħajja, iżda wkoll kliem magħżul, nisġa ta' għidud qawwija u sabiħa, ortografija tajba ; f'kelma waħda, lsien malti kif għandu jkun ;

b) billi, wara l-għażla tal-kotba taqraw bil-qalb dak li jkun inkiteb għalikom, jiġifieri mhux taqraw biss għall-mogħdija taż-żmien, iżda biex titgħallmu u taraw x'setgħat għandu l-lsien malti, u hekk titħabbu miegħu, għax taraw il-ġmiel li fih moħbi;

c) billi tħajru oħrajn jaqraw, u jaqraw it-tajjeb; tfehmuhom, jekk ma jaslux weħidhom, kif jagħarfu

ktieb tajjeb minn wieħed kajman: u jekk għandkom xeħta għall-qari msamma u ħabta żżewqu leħenkom mal-fehma tal-ktieb, aqraw lil ħaddiħor xi kotba tajba, ngħidu aħna, tal-Istorja ta' Maltà, la darba l-kotba ta' l-Istorja huma l-aktar iebsin għal min ma hux imdorri jaqra.

U issa biex nagħalqu: Il-lsien tiegħu kullħadd jista' jħobbu iżjed, għaliex dejjem tista' ssib fih x'jiġbdek, xi jħajrek, x'ihennik.

Wieħed mill-akbar u mill-ifjen kittieba ta' l-Italja— Niccolò Tommaseo—li kiteb wieħed mill-aqwa u mill-isbaħ dizziunarji li għandu l-lsien taljan, u li kien xjeħ fl-istudju, fit-tagħlim, u fil-kitba, sebaħ darba fil-għodu kmieni fil-bieb tad-dar bi ktieb f'idu. Għadda wieħed ħabib tal-qalb u qallu: « Niccolò, għodu għodu x'inti tagħmel b'dak il-ktieb f'idek? » Wieġbu: « Qiegħed nifli u nifhem aħjar il-lsien tiegħi, għax għadni ma nafux sewwa ».

# LILL-KNISJA

## SUNETT

> ...le nouvel empire que Jésus Christ devoit etablir... c'est l'empire qui doit subsister au milieu de la ruine de tous les autres, et auquel seul l'eternité est promise.
>
> BOSSUET
>
> (*Discours sur l'Histoire Universelle*)

Imħabba fik, ja tifla tal-kbir Alla,
Minn l-ibgħad żmenijiet kienu maħduma
Il-ġrajja tal-bnedmin; u biex italla'
Ġieħek fil-għoli, u tkun mill-ġnus miqjuma,

Bħall-mewġ tal-baħar, ħalla wara ħalla,
Sawwar Javeh l-imperi l-lum mirduma:
It-triq ħejjewlek, o tas-Sliem Qawsalla,
L-Eġittu, l-Babilonja, l-Greċja w-Ruma.

Int biss ta' dejjem, u qaddis għamilek;
Inti Sultana u l-ġnus kollha wirt tiegħek;
Ebda moħqrija w ebda żmien ma jtemmek.

Ibleħ min jaħseb, billi jxerred demmek,
Sejjer jeqerdek: Dak li dejjem miegħek
Jarmi l-imperi biex iwettak lilek.

**Dun Karm**

8—9—31

# ILSIEN MALTI
# U LSIEN TAL-MAROKK (Magħreb)

Kif għidna ftit ilu, l-lsien Malti huwa wieħed minn dawk l-ilsna Xemin, li għad li maqtugħa minn ommu għal żmien twil, u għad li meta safa waħdu sab ruħu mdawwar b'ilsna ta' nisel Latin, żamm sal-lum safi, u għad li għex mifrud minn qabilu, baqa' lsien xami bl-akbar għaġeb ta' dawk li ftit jifhmu fit-taqsim ta' l-ilsna u fuq it-tbiddil tagħhom.

Għad li ħadd s'issa ma jaf igħid kif tnissel f'dawk il-Gżejjer il-lsien Malti, xi ħiel nistgħu nieħdu fuq kif trabba' u kif baqa' qawwi u fuq ruħu, meta nxebbħuh ma' wieħed minn ħutu li l-aktar jersqu lejh fost l-aħwa li għadhom sal-lum imxerrda fuq ix-xtut tal-baħar ta' gewwa (Mediterran).

Nafu li l-malti ma nsibuhx jaqbel sewwa u la mal-għarbi tal-Masr (Eġittu), u anqas ma' dak ta' Tripli, ta' Tunes u tal-Arġiel, iżda jaqbel mhux ftit mal-lsien li bih jitkellmu fil-Palestina (Libanu) u fil-Marokk, l-ibgħed żewġt itruf tal-baħar ta' ġewwa, wieħed fil-vant u l-ieħor fil-punent. Fuq l-lsien tal-Palestina għidna dak li naħsbu fin-numru ta' Settembru tal-Malti tal-1929, il-lum nista' ngħid xi ħaġa fuq l-lsien tal-Marokk, li, kif kullħadd jista' jara, jaqbel mal-Malti wisq aktar milli wieħed kien jaħseb.

Għandi f'idejja l-ktieb Ingliż, miktub minn kittieb wisq magħruf, is-sur Edward Westermack, taħt l-isem ta' *"Wit and Wisdom in Morocco", a study of native proverbs,* ġabra ta' fuq l-elfejn qawl tal-Magħreb, meħudin minn fomm in-nies ta' dawk l-inħawi u mhux mill-kotba, u miktuba bil-għajnuna ta' wieħed għaref tal-Magħreb, u mniżżlin b'reqqa kbira wieħed wara l-ieħor, imfissrin b'l-ingliż, u fl-aħħar miġuba bil-ħażż għarbi; b'numru quddiem kull qawl biex wieħed jista' jsibu bla telf ta' żmien, u jara b'għajnejh li kollox qiegħed kif imiss.

Dak li jolqot lil min iħares lejn dik il-ġabra ta' proverbi hu li donnhom miġbura minn Malta, għax għad li xi kliem ma nafuhx hawnhekk, għax aktarx tlifnieh għal kollox, jew dawwarnieh, jew bdilnieh ma'kliem ieħor, is-sensila tal-kliem tixbaħ lil dik tal-lsien Malti, u ħafna drabi m'hux

fil-bogħod, iżda tista' tgħid kelma b'kelma. Għalhekk biex nuri kemm hu minnu dan ix-xebħ kbir taż-żewġ ilsna, ħtart mill-ktieb tas-sur Westermack dawk ilq-wiel kollha li jixbħu lil Malti bla tiġbid, tgħawwiġ u tkewtil, u nizzilthom bin-numru tagħhom, u żidt minn tiegħi biss it-tifsir bil-Malti ta kull wieħed minnhom.

Kull laqxa tirfed l-imramma, ingħidu aħna, għalhekk dan ix-xogħol żgħir nitma li jħeġġeġ lil dawk li jħobbu tassew il-Malti biex jissuktaw jiflu dan il-ktieb li qrajt u jekk isibu aktar żmien minn dak li għandi jien, ifittxu f'kotba oħra xi ħaġa li titfa' d-dawl fuq dan ix xebħ kbir taż-żewġ ilsna li kibru fuq artijiet li xejn ma jixxiebħu u wisq imbegħdin minn xulxin.

Dak li wieħed jista' jgħid s'issa huwa li hekk il-Marokkin kemm il-Malti huma żewġ friegħi ta' lsien għarbi ewlieni li ħarġu minn zokk wieħed, iżda kull fergħa nawwret u tammret għal rasha u biż-żmien it-togħma tal-frott tbiddlet fit-tnejn; iżda għall-ġennien is-siġra hija waħda u l-frott tagħha, maqtugħ miż-żewġ fergħat, ma tagħarfux kif ġieb u laħaq jekk ma tatihx lil min hu tas-sengħa u li jaf iduqu u itegħmu.

T. Z.

# Qwiel tal-Magħreb miġuba bil-Malti.

Billi s-sur Westermack iħożż il-konsonanti *i* bħal *y* ħsibt li fil-Malti ta' dawn il-qwiel, biex ma jsirx tfixkil nagħmel bħalu wkoll. Bill l-*j* tista' titħallat mal-*ġ* is-sur Westermack jaħsibha sewwa.

1) MAROKKIN — 2) INGLIŻ — 3) MALTI

3 Zein r-rájel f'áqlu u 'aql l-mra f zeinha.
The beauty of the man is in his intelligence, and the intelligence of the woman is in her beauty.
Iż-żina tar-raġel f'għaqlu u għaqal il-mara f'żejnha.

14 Säl l-mjarrab la tsal t-tbib.
Ask the experienced one don't ask the doctor.
Saqsi l-imġarrab issaqsix it-tabib.

15 L-mra tahrab men x-xib kif n-naja men d-dib.
Woman flees from white hair as the ewe form the jackal.
Il-mara taħrab mix-xib bħan-naġa mid-dib.

20 L'ajuza ktar men x-xitan.
An old woman is worse than the devil.
Ix-xiħa aqwa mix-xitan.

21 Li kaya'mel yeblis f am kat'amlu l-'ajuza f sa'a.
What the devil does in a year an old woman does in an hour.
Dak li yagħmel ix-xitan f'sena tagħmlu xiħa f'siegħa.

36 Ida t'abbi 'abbi l-meskina alu djib la ġer l-hobza u s-serdina.
When you take a wife take a poor one, even though you bring her only a loaf and a sardine.
Jekk tieħu ħu l-miskina għad li ġġib ħobża u sardina.

51 Yikdeb x-xib u ma yikdeb xi t-tekmáx.
The white hair lies, and the wrinkles do not lie.
Tigdeb ix-xyubya ma ygdibx it-tikmix.

64 Fahma u twukkelni x-xahma.
A charcoal, and she will give me fat to eat.
Faħma (sewda) u titmàgħni x-xaħma.

75 Fain 'ainek 'ain ġairek.
Where your eye is, is the eye of somebody else.
Fejn tmur għajnek tmur għajn għajrek.

81 La ta'mel xi brai l-mra.
Don't follow the advice of your wife.
La tagħmel xei b'rai il-mara.

88 Ma laikun hadd fe l-jinna u yahraj mennna.
There is nobody in Paradise who will go out of it.
Ħadd ma jkun il-Ġenna u yoħroġ minnha.

95 T-tawr ma ya'ya ba qronu
The bullock does not get tired of his horns.
It-tawr ma yagħyiex bi qrunu.

100 Aroq l-mhebba fe l-qalb.
The roots of love are in the heart.
Għeruq l-imħabba fil-qalb.

129 Zuwaq tbe'.
Decorate, you will sell.
Żewwaq u tbigħ.

132 'Ain la txuf qalb la yet wuja.
Eye does not see, heart does not suffer.
Għajn ma tara qalb ma tuġa'.

167 Ma yáte rabbi l-ful ġar ned ma 'andu snan.
God gives beans only to him who has no teeth.
Alla ma yatix ful ħlief lil min ma għandux snien.

185 L-qari la twarrih u l-faham yefham.
He who can read don't show him and he who has understandig will understand.
Lil min yaf yaqra turiehx u min yifhem yifhem.

211 L-hawa ma tenba' ma tenxra.
Brotherhood is neither sold nor bought.
L-aħwa ma tinbieħx u ma tinxtarax.

217 L-'adam li ma tgerrdu wuddi bih hok.
Give to your brother the bone you do not gnaw.
Il-għadam li ma tgerrimx għaddih lil ħuk.

231 Li ma'andu maġruf yeharaq yiddu.
He who has no spoon will burn his hand.
Min ma għandux mgħarfa yaħraq idu.

237 Weld l-far m ihruj ġer ħaffar.
The son of a mouse will only turn out to be a digger.
Bin il-far ma yoħroġx għair ħaffar.

542 L-qadra tenqlib 'ala fumma u l-bent texba n wumma.
The pot turns upside down and the daughter is like her mother.
Il-borma tinqaleb għal fommha u l-bint tixbaħ l-ommha.

262 Li ma 'andu dar ma 'andu jar.
He who has no house has no neighbour.
Min ma għandux dar ma għandux ġar.

279 Dari katstor 'ari.
My house covers my nakedness.
Dari tistor għari.

281 L-hbib wa la l-hlib.
A friend is better than milk.
Il-ħabib aħyar mill-ħalib.

282 Hbibek l-qrib ahsen men hak l-b'id.
Your fried who is near is better than your brother who is far away.
Ħabibek fil-qrib aħjar minn ħuk fil-bgħid.

289 Hajra men yidd l-hbib teffaha.
A stone form the hand of a friend is an apple.
Ħaġra minn id il-ħabib tuffieħa.

293 L-hbib iqul ne hbibu f kull deq isibu.
A friend says to his friend that he will find him in every difficulty.
Il-ħabib igħid lil ħabibu f'kull dieq isibu.

308 Klam l-'adu itahhak u klam l-hbib ibekki.
The words of an enemy make one laugh, and the words of a friend make one weep.
Kliem l-għadu idaħħak u kliem il-ħabib ibikki.

320 'Amel kama 'mel sahbak wulla ba''ad mennu.
Do as your friend does, or leave him.
Agħmel kif yagħmel sieħbek yew tbiegħed minnu.

336 N-nar taht et-tben.
Fire underneath the s raw.
In-nar taħt it-tiben.

343 Ida ketter la-hbab yebqa bla hbib.
If he increases the number of his friends he will remain without a friend.
Yekk iżid il-ħbieb yebqa' bla ħabib.

356 M'a men xuftek m'a men xebbahtek.
The one I see you with I take you to resemble.
Ma min raytek xebbaħtek.

378 Li thebbu qarrbu u lli tkarhu janbu.
Whom you love bring near and avoid him you hate.
Lil min tħobbu qarrbu u lil min toboghdu ġennbu.

379 Li ma watak la twatih.
He who does not suit you don't be suitable to him.
Min ma iwitikx twietihx.

387 Dyethallat m'a n-nohhal yakluh l-klab.
What is mixed with the bran will he eaten by the dogs.
Dak li yitħallat man-nuħħala yikluh il-klieb.

445 Hraq qabraq yenshar habrak.
Burn your grave you will become famous.
Aħraq qabrek yentashar ħabrek (aħbarek).

501 L-Malti wu l-far la twurrihum bab d-dar.
The Maltese and the mouse, don't show them the door of the house.
Lill-Malti u lill-far turihomx bieb id-dar.

502 R-rifi qtel hah ala basla.
The Rifan kills his brother for the sake of an onion.
Ir-Rifi yoqtol il-ħuh għal basla.

529 L-far f-ġaru sultan.
The mouse in its hole is a king.
Il-far f'għaru sultan.

538 L-bhar kullu malah.
The whole sea is salt.
Il-baħar kollu mielaħ.

554 Kull mebdi metmum.
Everything that is begun comes to an end.
Kull mibdi mitmum.

591 Li yekreha ma ijles 'aleha.
He who hires it will not sit on it.
Min yikriha ma yirkibx fuqha.

592 Ibril kaijbed s-sbula men qa' l-bir.
April draws the ear from the bottom of the well.
April yiġbed iż-żbula minn qiegħ il-bir.

607 S-san'a ida ma ġnat testor wulla dzid fe l-'omor.
A trade if it does not make one rich will cover one or even prolong one's life.
Is-sengħa yekk ma tagħnix tistor u żżid fil-għomor.

618 S-sabbar yebqa fe d-dar.
The very patient one remains in the house.
Is-sabbar yibqa' fid-dar.

632 Berred u kul.
Let it cool and eat.
Berred u kul.

637 Sbah tejri la tsbah tefli.
Run in the morning don't louse yourself in the morning.
Isbaħ iġri la tisbaħx tifli.

639 Leftor bekri be d-dhab mexri.
The early breakfast is bought with gold.
L-fatar bikri bid-deheb mixtri.

643 Xġul l-lil 'ajuba le n-nhar.
The work of the night is a wonder to the day.
Xogħol il-lejl għaġeb in-nhar.

(*Jissokta*)

T. Z.

# QALB L-EGHLIEQI

Żerniq ta' sema ħiemed, tgeġwiġija
ta' mitt għasfur ipespes fuq il-friegħi
tas-siġra malli x-xemx troxx l-ewwel dija:
blat għoli bil-kappar, widien u tliegħi,

fawwara tal-irdum, għerien u tliegħi
ta' bejn l-ixfar tal-għolja għal fil-għaxija
bl-aħħar ġamriet tax-xemx iħammru; ġmiegħi
ta' ngħaġ telgħin għall-maqiel mill-qasbija.

Setaħ imwennes mill-werżieq; ja dwieli
li tgħattu l-bir mix-xemx, ħitan tal-ġnejna
li għadkom imgħannqin mal-liedna, għaddieli

ħsiebkom minn moħħi l-lum kollkom imżejna
bil-hena tal-għodwiet, ta' nhar, ta' ljieli
li tfal ħabbejna u l-lum għalkemm insejna....

Ja kenn ta' ħedu kbir, erwieħ moħbija,
il-lum li bikom ħlomt u xtaqtkom tiegħi,
bħal mita fikom għext mindu tarbija,
ilqgħuni biex inserraħ moħħi u driegħi.

Irridkom hekk madwari tibqgħu miegħi
bil-ħabaq, bil-merqdux ta' ġol-qasrija
u b'dawk is-siġar li ħallejthom żriegħi
inebbtu, il-lum tħalluni nistennieha

lil dik li f'qalbi żrajt u qaċċtuhieli
malli xxettlet mas-snin: oh qalbi mdejna
mad-dinja l-lum tinsab b'ferħ żgħir u dlieli....

Taħt is-siġar li xjieħu f'dik il-ġnejna
waħda ta' serħ u sliem nibtet max-xtieli
li bil-ward tagħha, tfal, il-qalb imlejna.

A. Cremona.

# IS-SENTIMENT RELIĠJUS FIL-KLIEM U FIL-GĦIDUD MALTI

Fost il-ħwejjeġ li huma tabilħaqq tal-poplu, u li għalhekk juru l-karattru tiegħu u jagħżluh mill-ġnus l-oħra qiegħed ewlieni il-lsien.

Il-lsien hu tal-poplu, għaliex imsawwar mill-poplu, mitkellem mill-poplu; jirtuh l-ulied minn misserijiethom u kull ġenerazzjon iżżidu, torqmu, tbiddlu. Fih issib il-għerf tal-poplu, il-frott tat-tiġrib tiegħu, il-qawwa ta' fehmtu, ix-xejra ta' ħsiebu, it-taħbita ta' qalbu.

Il-ġens malti reliġjus minn dejjem u minn qalbu, u r-reliġjon nisigha ma' ħajtu kollha: għalhekk is-sentiment reliġjus daħal fi lsienu aktar minn kull sentiment ieħor.

Hemm bosta kliem u tifsir fl-ilsna li aktarx jittieħdu minn ġrajja naturali, għaliex dawn huma ta' kullħadd, jarahom kullħadd, jafhom kullħadd, u għalhekk huma bħala għajn ta' għerf li minnha jixrob kull wieħed li jitkellem u li jikteb. Minn dawn l-espressjonijiet il-malti għandu ħafna, bħal ma għandhom l-ilsna l-oħra: iżda bosta drabi il-malti, ma' ġenb dawn għandu oħrajn, imnisslin mis-sentiment u mid-drawwiet reliġjusi li aktarx ma jinsabux fl-ilsna barranija.

Fuq dan irrid infisser ruħi b'xi esempi jew mirja li nati, mhux biex inkun għedt kull ma wieħed jista' jgħid fuq dan is-suġġett li jidhirli sabiħ u fejjiedi, iżda biex inkun tajt tarf lil xi żagħżugħ ta' ħila u ta' ħeġġa, u nħajru jieħdu f'idejh hu u jqatta' fuqu xi ftit miż-żmien li jkollu battal biex ma jarmihx fi ħwejjeġ fiergħa.

**MIRJA:—**

## 1. FUQ IŻ-ŻMIEN

Biex wieħed ifisser li ħaġa saret malajr bla telf ta' żmien xejn, l-ilsna aktarx jisselfu xi xbieha min-natura u jinqdew biha. L-Ingliżi jgħidulek: "In the twinkling of an eye," "fi tpetpita ta' għajn," inkella, "in less than I say" f'inqas milli ngħidu." It-Taljani jgħidu, "in un lampo" f'leħħa ta' berqa," jew bħal l-Ingliżi "in men che nol dico" "f'anqas milli ngħidu".

Il-Malti għandu dan il-għidud, nistgħu ngħidu, kollu; iżda barra minn dan għandu ieħor li hu meħud mid-drawwiet reliġjusi tal-Maltin. Aħna biex infissru żmien qasir bosta ngħidu: "F'radda ta' salib" inkella "f'kemm tgħid Ġesù Marija" jew għamla oħra aktar qawwija "ma tilħaqx tgħid Ġesù Marija. Fir-rħula dan il-għidud tisimgħu ta' kulljum u ta' kull waqt.

Biex infissru żmien ħarira itwal, ngħidu: "Fi kredu" jew "f'kemm tgħid kredu:" u jekk irriduh ftit itwal "f'kemm tgħid tlitt kredijiet"—Es: Fi kredu mmur u niġi—Mar u ġie f'kemm tgħid kredu—Le, ma haw'x bogħod; f'kemm tgħid tlitt kredijiet tasal.—

Biex infissru żmien itwal, jiġifieri ta' xi nofs siegħa, fir-rħula, ngħidu "impilletta," hekk: "Qiegħed il-borma fuq in-nar u ħalliha tgħali xi impilletta," jiġifieri xi nofs-siegħa.

*Impilletta* hi il-kelma taljana "ampolletta", u tfisser "l-arloġġ tar-ramel, magħmul minn żewġ bozoz taż-żgieġ għamla ta' lanġasa, mgħaqqdin ma' xulxin min-naħa tar-rqiq u mnifdin b'toqba żgħira, li minnha ir-ramel mill-bozza ta' fuq igħaddi għall-bozza ta' taħt, u jdum nieżel nofs-siegħa. Biex dawn il-bozoz jistgħu jarġgħu iduru ta' taħt fuq, huma magħluqin ġe' daqsxejn ta' qafas tal-għuda magħmul minn qiegħ u minn wiċċ b'erba' waqqafiet. Dan l-arloġġ tar-ramel sa ftit żmien ilu kien jitqiegħed dejjem fuq il-mejda quddiem il-predicaturi fi żmien il-missjoni u fl-eserċizzi tar-Randan biex ikunu jistgħu jitweżnu fil-ħin.

Biex infissru l-ewwel ħin tal-ġurnata li fih dawk li jbakkru jqumu minn friexhom, jew joħorġu minn djarhom għax-xogħol, ingħidu "fil-paternoster". Il-*paternoster* hu l-ewwel sinjal tal-qniepen li jagħmlu l-knejjes tar-rħula għall-ħabta ta' l-erba' ta' filgħodu, u kienet drawwa ta' misserijietna, u għada drawwa ta' bosta il-lum, li jibdew il-ġurnata billi jgħidu xi talbiet, aktarx fihom il-"paternoster" jiġifieri "il-missierna."

Il-ħin ta' nżul-ix-xemx ingħidulu, bħal ma jgħidulu f'ilsna oħra "l-avemmarija." Siegħa, u xi bnadi sagħtejn, wara l-avemmarija, idoqqu tokki ta' qampiena, u dak il-ħin bosta bnadi jgħidulu "ta' l-orazzjoni," aktarx bħala tifkira ta' l-orazzjoni li Sidna Ġesù Kristu għamel fl-ort tal-Ġetsemani lejliet jum-il-passjoni; u siegħa wara tarġa' ddoqq "ta' l-imwiet," l-aħħar sinjal li jsir bil-qniepen, meta' kullħadd igħid xi talba għall-mejtin, u fir-rħula n-nies titħejja biex torqod.

Ix-xhur-ukoll, barra minn l-isem li għandhom bħal dak li għandhom fl-ilsna l-oħra—Jannar, Frar, Marzu etc.—għandhom isem ieħor meħud mill-pratki reliġjusi tal-Maltin. Hekk Frar insejħulu wkoll "ix-xahar tal-Kandlora," Marzu, "ix-xahar ta' San Ġużepp," April, "ix-xahar tal-Għid", jew "tal-Ġimgħa-l-kbira," Mejju, "ix-xahar tal-Madonna," Ġunju, "ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesù," Lulju, "tal-Karmnu," Awwissu, "ta' Sta. Marija," Settembru "tal-Vitorja" li, għalkemm fiha nfisha din il-kelma tfisser ir-Rebħa tal-Kavalieri u tal-Maltin fuq it-Torok, il-fehma hi hekk fostna marbuta tajjeb mat-twelid tal-Madonna, li saret tfisser il-waħda u l-ieħor, biex ma ngħidx aktar dan minn dik; Ottubru, "ix-xahar tar-Rużarju," Novembru, "tal-mejtin," Diċembru, "tal-Milied." Ma nafx jekk lil Jannar isejħulux "ix-xahar tat-trerè," jew "ta' Għid-il-Ħamiem" imma donnu baqgħali xi ħjiel li fi tfuliti smajthom isejħulu hekk.

Barra minn dawn l-ismijiet imbagħad fir-rħula aktarx jatuhom laqam mill-qaddis tal-parroċċa, bħal "ix-xahar ta' San Filep" għal Mejju, f'Ħaż-Żebbuġ, "ix-xahar ta' San Ġorġ" għal April, f'Ħal Qormi, ix-xahar ta' San Nikola, għal Diċembru, fis-Siġġiewi, u hekk bnadi oħra.

**Dun Karm.**

# L-ISKRAPAN MALTIN FL-EWWEL SNIN TAL INGLIŻI F'MALTA

(*Jaqbad mal-faċċ. 91*).

Facciolà ġie f'Malta fix-xahar ta' Mejju tal-1799, fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi. Mar joqgħod iż-Żejtun, fejn hemm fetaħ ħanut ta' skarpan u beda jaħdem iż-żraben għas-suldati tal-Battaljuni Ngliżi kollha li kien hawn. F'daż-żmien, il-ħlas tal-Ħaddiema Skrapan kien ta' Erba' Rbgħajja. Iżda meta Facciolà ra li dan il-ħlas ma kienx biż-żejjed għall-għajxien tal-ħaddiem, iżjed il-ħlas tax-xogħol, billi għamlu ta' Sitta Rbgħajja kulljum, u b'hekk kien ta' bosta ġid għal ħafna nies. Malli nfetħu l-Ibliet, Facciolà għamel rikors biex jagħtuh is-setgħa li jiftaħ ħanut bħal dak li kellu fl-irħula. Iżda wara d-digriet tas-soltu, kellu jbati l-ewwel kontradizzjoni, billi, għalkemm kellu l-ħila tiegħu ta' Mgħallem, tawh biss li jista' jidħol bħala Ħaddiem ma' wieħed Imgħallem. B'dana kollu, l-Iskrapan Maltin ma ridux hekk biss; riedu wkoll li jeħilsu minnu, imqar li jigi mkeċċi minn Malta. Biex jirnexxilhom dan il-ħsieb, l-Iskrapan Maltin qalu, li l-Liġijiet ta' Malta jgħidu, li l-barranin ma kenux jistgħu jagħżlu l-qagħda tagħhom hawn, fil-ħin li din il-ħaġa ma kenitx minnha. Il-Liġijiet ta' Malta ma kenux igħidu hekk, qal Facciolà, iżda dawn il-Liġijiet kienu jridu biss li jittieħed ħsieb, fi żmenijiet ħżiena, imħabba l-pulitka u l-għak, li jgħassu, għal xi żmien qasir, fuq il-qagħda hawn tal-barranin u ż-żweġijiet tagħhom. Għalhekk dawn il-Liġijiet ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-biċċa ta' Faċċiolà, kif ukoll l-anqas sata' jkollhom x'jaqsmu mal-qwiet f'Malta u mal-Istatuti privati li l-Iskrapan Maltin semmew li kellhom fil-Fratellanza tagħhom.

Meta l-Iskrapan Maltin qalu, li Facciolà miegħu ġieb sittax ir-ruħ minn Sqallija, biex jaħdmu bħal Skrapan fis-sengħa tiegħu, ma kien minnu xejn. Iżda din kienet qlajja li turi, li ma kenux jafu x'qegħdin igħidu. Fir-rapport imniżżel fil-Ktieb tal-Gran Viskont jidher, li miegħu ġieb biss żewġ ħaddiema biex jieħdu ħsieb ta' dawk il-ħwejjeġ li ġieb miegħu minn barra. Terġa', dawn iż-żewġ ħaddiema, wara, ġew miżmuma jaħdmu fil-ħanut tal-Imgħallem Mikiel, ma dak l-istess Imgħallem Malti li miegħu wkoll kien q'ed jaħdem Facciolà. Għaldaqstant, ma kellux jati kont ta' dawk li

ġew fuq l-istess bastiment li ġie hu, billi lil dawn, la ġiebhom hu u l-anqas sata' ma jħallix jiġu lil dawk kollha li riedu jiġu hawn minn rajhom. Fuq kollox, dawk li ġew bdew jaħdmu għalihom, u ma kellhom x'jaqsmu xejn miegħu.

Barra minn hekk, ma kien minnu xejn li Facciolà bi kliemu waġġa' lil xi ħadd; iżda hu kien iqim lil kullħadd, l-aktar lil dawk li kienu jaħdmu fis-sengħa tiegħu. Għalhekk, Facciolà talab lill-Gvernatur biex, jekk jogħġbu, ireġġa' l-ura r-Rikors tal-Iskrapan Maltin u ma joqgħodx fuq li qalu dawn, imma jatih is-setgħa (lil Facciolà), li jkun jista' jżomm ħanut u fih jaħdem is-sengħa tiegħu bla ebda xkiel ta' xejn. U dan kellu jsir malajr, malli Facciolà jiġi magħdud li kien ta' ħila u jinqala' fis-sengħa ta' skarpan.

Meta l-Gvernatur waslitlu l-petizzjoni ta' Facciolà, bagħtha lill-Qorti biex tara hi kif inqala' dan it-tlewwim kollu bejn l-Iskrapan Maltin u Facciolà; imbagħad tgħarraf kollox lill-Gvernatur.

Il-Qorti, wara li fliet u fittxet sewwa biex tara din il-biċċa kif kienet, għamlet Rapport ta' kollox lill-Gvernatur, li minnu aħna ħadna dan li ser ingħidu.

Il-Palermitan Baskal Facciolà kien għamel rikors lill-Ġeneral Pigot, biex jaqla' s-setgħa li jiftaħ ħanut, ħalli fih, jew ibiegħ il-ġlud li kien ġieb miegħu, inkella jkun jista' jaħdem is-sengħa ta' skarpan. Iżda Pigot mn'idejh stess id-degrieta u ċaħadlu s-setgħa li jżomm ħanut, imma biss taħ li jaħdem ma' xi Mgħallem Skarpan Malti. Għal din il-biċċa, il-Qorti, fl-14 ta' Marzu 1801, għarrfet lil Facciolà, il-piena li lilu tiġi mogħtija kemm-il-darba ma joqgħodx għal dak li kien hemm fid-degriet, dik il-piena li iżjed il-fuq konna semmejna.

Wara l-ewwel rikors, li ma rnexxiex, Facciolà u Grezz Schembri (Maltija), għall-ħabta tal-aħħar jiem ta' Marzu 1801, għamlu rikors ieħor lill-Ġeneral Pigot. F'dan ir-rikors talbu li jatihom is-setgħa li jkunu jistgħu jibdew it-tnedijiet ħalli jiżżewġu, billi Facciolà qal li kien joqgħod f'Malta. Iżda wara li Pigot sama' r-Relazzjoni li fit-30 ta' Marzu għamlet il-Qorti fuq hekk taħ biss is-setgħa li jista' jiżżewweġ f'Malta, billi l-barranin ma kienux jistgħu jiżżewġu hawn bla setgħa lilhom mogħtiha mill-Gveenatur.

Baskal, imbagħad, għalkemm mingħajr setgħa, fetaħ il-ħanut tiegħu fit-triq ta' ħdejn is-Suq. Iżda għad illi d-degriet li ħarġu fuq ir-rikorsi li għamel ma kienu xejn favur tiegħu, fil-ħanut li fetaħ qiegħed l-anqas wieħed fost l-Imgħallmin

Skrapan Maltin biex, taħt id-dell riegħu, ikun jista' jaħdem is-sengħa ta' Skarpan.

B'dan il-għamil, Facciolà, billi sab ruħu bħal kieku ħadd ma sata' jkellmu, issokta jaħdem ta' Skarpan. Iżda dan ma kienx biż-żejjed għal Baskal: ried jissokta jgħaddi l-ħsieb ta' rasu. Biex jasal fil-fehma tiegħu, siefer u, fit-28 ta' Lulju 1801, reġa' l-ura lejn Malta. Miegħu ġieb żewġ żgħażagħ Sqallin biex jaħdmu ta' Skrapan fil-ħanut tiegħu, kif hekk l-istess Baskal kien qal lil Gran Viskont fil-ħin tal-prattka. Barra minn dawn it-tnejn, ġieb ukoll tliet'oħra tal-istess Sengħa, għalkemm tnejn minnhom qalu li kienu bħala ħaddiema ma' wieħed barrani, jismu Ġużê Bartolino.

Il-passiġġieri li fit-28 ta' Lulju 1801 ġew ma' l-Ixprunara tal-Padrun Malti Ċensu Xerri, kif ġie mgħarraf mill-Gran Viskont, kienu dawn id-disgħa :

Baskal Facciolà, minn Palermu, bil-ħanut il-Belt;

Salvu Bargone u Ċensu Rosano, minn Palermu, ħaddiema ma' Facciolà, u ġew miġjuba minnu biex jaħdmu fil-ħanut tiegħu;

Ġużê Bertolino, minn Palermu, Skarpan, u ġieb iż-żraben miegħu biex ibigħhom hawn;

Saver Pepetone u Filippo di Gregorio, minn Palermu, ħaddiema ma' Bertolino;

Żewġ Messiniżi, miġjuba mill-Gvern ta' Malta biex jaħdmu l-btieti tal-inbit għall-Gvern; u

Mara Maltija.

Għalkemm il-passiġġieri Saver Pepetone u Filippoo di Gregorio għaddew ruħhom bħala ħaddiema ta' Ġużê Bertolino, imma jidher, mir-rikors li għamel Bertolino, li dawn it-tnejn kienu miġjuba minn Facciolà. F'dan ir-Rikors, Bertolino talab li jatuh is-setgħa li jkun jista' jieqaf Malta biex ibiegħ iż-żraben biss li ġieb miegħu. Din it-talba ma kienet taqbel xejn mal-Manifest ta' Bertolino, fejn fih qal li Pepetone u di Gregorio kienu bħala ħaddiema miegħu. Barra minn hekk, meta Bertolino ġie mistoqsi mill-Qorti, fejn qiegħed iżomm il-merkanzija tiegħu wieġeb, li qiegħed jerfagħha fil-ħanut ta' Facciolà. Għalhekk, bla ebda ħsieb ta' xejn, dawn il ħames żgħażagħ kienu kollha ħaddiema ta' Facciolà, billi wkoll miegħu kienu qegħdin jaħdmu fil-ħanut tiegħu.

Dan il-għamil imħaddan minn Facciolà, qanqal lill-Iskrapan Maltin. Dawn għamlu Rikors lill-Gvenatur. Il-Gvern-

atur, fil-31 ta' Lulju 1801, bagħtu lill-Qorti, biex tagħmel Rapport fuq dan it-tliwwim. Il-Qorti sejħet lil kullħadd biex jidher quddiemha ħalli kullħadd igħid tiegħu fuq din il-biċċa. l-Iskrapan Maltin talbu, sew bil-kliem kemm ukoll bil-miktub, biex Facciolà, mhux biss ma jistâx jaħdem hawn fis-Sengħa tiegħu, imma, bħala barrani, kellu jiġi mibgħut l-ura lejn artu. Facciolà mill-banda l-oħra qal, li bosta Skrapan Maltin kienu qegħdin jaħdmu Barra minn Malta. Fakkar ukoll, li saħansitra xi wħud Sqallin kienu qegħdin jaħdmu hawn Malta, u, fuq din il-biċċa, talab li jkollu huwa wkoll is-setgħa li jaħdem bħalhom.

Billi l-Qorti ġiet imqabbda biex tgħarraf il-ħsieb tagħha lill-Gvernatur, fir-Relazzjoni li tat fit-22 ta' Awwissu 1801 qalet, li l-ebda Liġi ta' Malta, taħt l-ebda Titlu, ma tati s-setgħa lil barranin jieqfu hawn. Terġa', f'dawn hemm imfisser sewwa fihom, biex in-nies tal-Ħaqq jagħmlu l-iżjed għassa xierqa fuq il-barranin. Din il-ħaġa hi mħarsa sewwa mill-Gvernijiet kollha. Fi Sqallija stess, kif qalu x-xiehda miġjuba mill-Iskrapan Maltin, ħadd mill-barranin ma kien jista' jżomm ħanut, jew jaħdem f'xi Sengħa bħala Mgħallem, imma biss kien jista' jaħdem bħala Ħaddiem.

Dina l-imfaħħra drawwa kienet imħaddna mis-Saltniet kollha, ħaġa li Facciolà kien jidher li hu mgħarraf sewwa biha, għalkemm dan talab is-setgħa biex jieqaf hawn u jiftaħ ħanut.

*(Jissokta)*

**Ġużè Gatt.**

# KLIEM GĦARBI FIT-TALJAN U FIL-MALTI

Il-ħsieb li nsemmi hawn xi ftit kliem Għarbi li daħal fit-Taljan hu mhux biss li nuri kif l-ilsna kollha jieħdu wieħed mill-ieħor, iżda biex nuri wkoll li mhux il-kliem kollu Malti li jixbah lit-Taljan ġej mit-Taljan. Għalhekk għażilt biss il-kliem Taljan li ġej mill-Għarbi u jinsab fil-Malti. Iżda xi wħud minn dal-kliem it-Taljan ħadu mill-Latin jew minn ilsna li kien daħal fihom mill-Għarbi.

*Ambra*, mill-Għarbi *għanbar*, għalhekk ħażin tinkiteb bil-Malti *ambra*; għandha tinkiteb *għanbar*, *għanbra*, bħalma jikteb Vassalli.

*Arancio*, mill-Għarbi *nâranġ*, li ġejja mill-Persjan. Bil-Malti *larinġ*. Mela·l-*l* tal-kelma *larinġ* mhix artikolu *il* mgħaqqad mal-kelma *arinġ* (arancio), iżda biċċa mill-kelma, jiġifieri l-*n* ta' *nâranġ* mibdula f'*l*.

*Barda*, mill-Għarbi *bardgħa*; bil-Malti *bardgħa* jew *berdgħa*. Ħażin min jikteb *barda* jew *berda*.

*Boccale*, mill-Għarbi *buqâl*; bil-Malti *buqâr*.

*Calafato*, *calafatare*, mill-Għarbi *qalfat*. Bil-Malti *qalfat*.

*Camicia Camicie*, mill-Għarbi *qamis*, li saret fil-Latin *camisium* li minnha nbagħad fil-Malti għamlu *kâmżu*; iżda *qmis* ġejja mill-Għarbi u mhux mill-Latin.

*Canapa*, mill-Għarbi *qannab*, li fil-Latin saret *cannabis*, bil-Malti *qanneb*.

*Carrubo*, mill-Għarbi *ħarrûb*. Bil-Malti *ħarrûb*.

*Catrame*, mill-Għarbi *qatrân*. Bil-Malti *qatrân*.

*Corno*, mill-Għarbi *qarn*, fil-Latin *cornu*. Bil-Malti *qarn*.

*Dogana*, mill-Għarbi *diwân*. Bil-Malti *dwana*.

*Fondaco*, mill-Għarbi *funduq*, li ġejja mill-Grieg *pandokeion*. Bil-Malti *fondoq*.

*Gabella*, mill-Għarbi *qabâla*. Bil-Malti *qbiela*.

*Giarra*, mill-Għarbi *ġarra*. Bil-Malti *ġarra*.

*Giubba*, mill-Għarbi *ġubba*. Bil-Malti *ġobba*.

*Gesso*, bil-Latin *gypsum*, mill-Għarbi *ġibs*. Bil-Malti *ġibs*.

*Magazzino*, mill-Għarbi *maħżan*. Bil-Malti *maħżen*.

*Mantile*, mill-Għarbi *mindil*. Bil-Malti *mindil*.

*Meschino*, mill-Għarbi *miskin*, li tinsab fl-ilsna semin kollha. Bil-Malti *miskin*.

*Moggio* jew *modio* bħall-Latin *modius*, mill-Għarbi *mudd*. Bil-Malti *modd*.

*Nafta*, fil-Grieg, fil-Għarbi, fi-Sorjan, fil-Persjan *nafta*.

*Tariffa*, mill-Għarbi *tagħrif*. Bil-Malti *tarîfa* li għandha tinkiteb *tagħrifa*.

*Toro*, bil-Latin *taurus* mill-Għarbi *tawr*. Bil-Malti *tawr*.

*Zafferano*, mill-Għarbi *żagħfaran*. Bil-Malti *żagħfran*.

Barra minn dan il-kliem li hu ġej mill-Għarbi u mhux mit-Taljan, għandna kliem ieħor li aħna ħadnieh mit-Taljan għalkemm hu ġejj mill-Għarbi wkoll. Insemmu hawn xi ftit:

*Alkova* jew *Arkova*, ġejja mit-Taljan *alcova;* bli-Spanjol *alcoba;* bil-Għarbi *al-qubba*.

*Armirall*, mit-Taljan *ammiraglio;* bil-Għarbi *al-amir*, jew *amir-alaj*, għalkemm dil-kelma tfisser *kurunell*.

*Lampîk*, mit-Taljan *alambicco;* bil-Għarbi *al-ambîq*, ġejja mill-Persjan.

*Maskla*, mit-Taljan *maschera;* bil-Għarbi *masħar*.

*Pistaċċi*, mit-Taljan *pistacchio;* bil-Għarbi *fustuq* ġejja mill-Persjan. Bil-Grieg *pistakeion*.

*Tarîfa*, jista' jkun ukoll li ġejja mit-Taljan *tariffa*, u din mill-Għarbi *tagħrifa*.

*Tarsna*, mit-Taljan *dársena*, li ġejja mill-Għarbi *dar is-sengħa*.

*Xlokk*, mit-Taljan *scirocco;* bil-Għarbi *xarqi*.

**Sajdun.**

# FEJN KIENET IL-ĠENNA TAL-ART?

Min jaqra dan l-isem f'ras il-kitba tiegħi, nistħajlu jgħidli li nibgħat din il-kitba lil xi wieħed mill-ħafna kotba tar-ruħ, li issa għandna joħorġu kull xahar, jew darbtejn fix-xahar, u mhux lil "Malti". Min jaħseb hekk jitqarraq bil-bosta, għaliex bħal ma Sir Them. Zammit, c.m.g. fiil-ħarġa tal-" Malti " ta' Diċembru li għadda, bil-kitba tiegħu " Mard, duwa u fejqan ", ried juri n-nuqqas ta' għerf tal-bdiewa tagħna fuq din il-ħaġa, hekk jiena wkoll irrid nuri u neqred fehma ħażina li għandhom x'uħud mill-Maltin fuq il-ġenna tal-art.

Meta xi ħadd jistaqsi fejn tinsab il-ġenna tal-art, hawn Malta jħawwdu din il-ħaġa mal-ħrafa tal-plieri ta' Hercules. Mela għandkom tkunu tafu li r-Rumani u l-Griegi qodma kellhom din il-ħrafa, li fejn hemm il-lum il-mogħdija tal-baħar imsejjaħ ta' Ġibiltà, dan l'alla qarrieqi tagħhom Hercules kien waqqaf żewġ plieri kbar, u jekk xi ħadd igħaddi minn bejniethom u jidħol fil-baħar il-kbir, jegħreq. Irrid ingħid li għall-mistoqsija: Fejn hi l-ġenna tal-art? iwieġbuk: Qegħda l-bogħod, u fil-bieb tagħha hemm żewġ plieri kbar u minn igħaddi l-hemm minnhom, jegħreq jew imut.

Għidna li din hija fehma ħażina u taħlita mal-ħrafa tar-Rumani li rajna issa, u nuruh fi ftit kliem. Il-ġenna tal-art insibuha imsemmija fil-kotba mqaddsa, fl-ewwel ktieb li jissejjaħ " Il-Ġenesi " jew bidu, u bil-lhudi " Be rexit ", għaliex dawn huma l-ewwel żewġ kelmiet tiegħu, u jfissru ukoll "fil-bidu". Mela jekk irridu nkunu nafu fejn kienet il-ġenna tal-art, jaħtieġ niflu sewwa l-ktieb tal-Ġenesi, u minnu biss nistgħu nkunu nafu. Araw xi jgħid dan il-ktieb imqaddes: " Il-Mulej Alla ħawwel ġnien fil-Għeden mill-bidu, u fih qiegħed il-bniedem li kien ħalaq. U il-Mulej Alla għamel mill-art kull siġra sabiħa fil-għajnejn u tajba fit-togħma: ukoll is-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien, u s-siġra tal-għerf tal-ġid u d-deni. U kienet toħroġ xmara mill-Għeden, biex issaqqi l-ġnien, li minn hemm kienet tinferaq f'erba' rjus. Isem l-ewwel xmara Fixon, li ddur mal-art ta' Hewilat, fejn hemm id-deheb. U d-deheb ta' dik l-art tajjeb, hemm ukoll jinsab il-*bdollah* u l-ġebla *xoħam.* U isem it-tieni xmara Giħon, hi li ddur mal-

art ta' Kux. U isem it-tielet xmara Hiddeqel, li tmur għal tlugħ ix-xemx ta' Axxur. Ir-raba' xmara Parat" (1).

Dawn huma l-kliem tal-ktieb tal-Ġenesi, naraw issa naqbdux xi tarf minnhom, biex inkunu nafu fejn kienet il-ġenna tal-art. Isem l-aħħar żewġ xmajjar hu magħruf il-lum ukoll, għaliex Hiddeqel hu t-Tigri u Parat hu l-Ewfrate. Dawn iż-żewġ xmajjar jinsabu fil-Mesopotamia u għandhom in-nisel tagħhom fl-Armenia, xi siegħa bogħod waħda mill-oħra, jimxu mill-majjistral għax-xlokk, sa kemm jingħakdu xmara waħda, imbagħad jinxteħtu f'dik id-daħla ta' baħar li tissejjaħ il-Golf Persiku. Imma t-tnejn l-oħra, il-Giħon u l-Fixon? Dawn il-lum ma nafux fejn huma. Halli naraw xi jgħidu l-għorrief. Hemm fil-qrib għandhom in-nisel żewġ xmajjar oħra, l-ewwel waħda il-lum imsejħa Kur, li tixteħet fil-għadira kbira msejħa Baħar Kaspiu, din aktarx hi l-Fixon, u l-art ta' Hewilat hi dik li l-Griegi sejħu Colcides, u kien fiha bosta deheb. It-tieni xmara l-lum tissejjaħ Aras, imma, l-Għarab isejħulha Ġakun ir-ras, isem li jixbaħ lil dak ta' Giħon; din tixteħet ukoll fil-Baħar Kaspju. Minn dan kollu nistgħu ngħidu li l-ġenna tal-art aktarx kienet fl-Armenja. U xejn ma għandna nħabblu moħħna, jekk dawn ix-xmajjar ma humiex ġejjin minn ras waħda, għax il-wiċċ tal-art jitbiddel bit-theżżiż tal-art u l-ilmijet, u dan tal-Armenja tbiddel bil-għarqa tad-dinja.

Dawk iż-żewġ kelmiet lhud, *bdollaħ* u *xoħam*, ifissru l-ewwel waħda bħal gomma tfuħ, jew aktarx il-ġawhar, u it-tieni hi ħaġra għażiża, *onyx* bil-latin, u hi sabiħa b'ħafna lewnijiet.

**Dun Pietru Pawl.**

(I) Ġen. II, 8-14.

# XEWQAT!

Jien ngħanni rrid il-lum lilek, ja Dwejra,
li tbajjad qiegħda waħdek fost il-ħmura
ta' l-egħlieqi li bihom Int imdawra.
Rajtek dal-għodu x'ħin id-dlam kien ħarab,
waqt li tax-xemx id-dawl kien għadu moħbi.
Rajtek tixxerref fuq l-ixfar tar-raba'
fejn ilu ftit kien għadu l-moħriet jofroq,
wix-xemx għabet għall-kollox, x'ħin is-sema
bajdani ma baqâx daqs dik ġeblitek.

Il-lejla qamar; u bla ma taf xejn Inti,
x'ħin fik ma jkunx hemm ħoss ta' ħajja u l-għajta
tal-werżieq u l-inħir ta' sidek fl-għorfa
ma tismax ħliefhom.... l-ebda wens ħlief tagħhom,
inkun inħares lejk, inkun nixtieqek,
nixtieqek biex tfejjaqli moħħi w-qalbi
mill-marda ta' dil-ħajja li q'ed ngħaddi....
ninfena ta' kulljum bla ma ninduna
li l-aħħar art hi għal kullħadd il-qabar.
Kemm kien ikun aħjar nagħmel bħal sidek;
nagħlaq id-dinja kollha bejn ħitanek,
u biss min-nies magħruf tal-għorfiet l-oħra,
niżra' fil-ġuf tal-art il-ħajja li Alla
bix-xita wix-xemx Tiegħu kollu ħniena
inissel b'għerfu u b'għerfu jaf ikabbar.
Kieku tarani kont wara jum xogħol
għall-mistrieħ dieħel malli troxx id-dalma...
u waqt li l-borma tfawwar fuq ix-xedda,
marti trodd is-salib, ma' djulha mdendla
ħawn dlonk bin-ngħas l-ulied li Alla tâna
u bihom għoġbu jhenni dik ħajjitna.
Hemm fuq il-għatba wara l-fatra npejjep,
u wara tal-imwiet rieqed issibni
qalb il-ħmiemel tas-silla wil-furrajna....
kemm kien ikun aħjar nitgħallem naqra
il-ħin tal-jum fix-xemx, tal-lejl fil-kwiekeb
wiż-żmien li naħrat, niżra', nneqqi, naħsad;
nagħraf l-għasfur mill-għanja, mit-titjira,
nagħraf mis-sħab ir-riħ, il-bnazzi, ix-xita
u mgħobbi biss bil-ħsieb kif l-ilma naħżen
għaż-żmien l-inxief biex nista' nifdi l-qbiela.
Kemm kien ikun aħjar, jaħasra, għalija;
kieku kont tista' tħares ġewwa ruħi,
kieku kont tista' taqra ġewwa qalbi,
kieku kont tista' tara ġewwa moħħi....
kemm dlonk kienet tisfar il-bjuda tiegħek,
u liema ħasra kienet fik titnissel
għall-ħajja tiegħi ta' taqbid u frugħa...
Ja Dwejra li ma tafx kemm hi qalila
il-ħidma ta' min jgħix bl-hena ta' ħolma
li jrażżan lil min jaħqar lil pajjiżu...
li jeqred il-mibegħda, bint il-ħażen,
li jara lil kullħadd fis-sliema t'Alla.

C. M. B.

Wied il-Għajn is-Sajf tal-1931.

# IL-ĦEMDA

Il-ħemda (solitudini) mhux dejjem il-għadu tal-bniedem. Fil-ħemda, waqt li nkunu weħidna, moħħna jista' jgħarbel sewwa l-faraġ u l-hemm ta' ħajjitna: fil-ħemda nistgħu nifhmu xi ftit minn dak il-kobor li jinħeba taħt il-misterju tal-għajxien tagħna. Fl-ħemda, ir-ruħ issib xi ftit minn dak il-hena li titlef fost il-ħsejjes u x-xkiel tal-ibliet; għal ftit tal-ħin din ir-ruħ taqta' l-irbit li qe'd iżommha mjassra mal-ġisem tagħha u tmur tirgħa l-hinn minn kull taħbit tal-ħajja, imwarrba mit-tniġġiż ta' dan il-Wied tal-Ħażen, tidħol kollha ħienja fil-Qasam tas-Sabar u tal-Ħlewwa li minnu ħarġet u li fih targa' tidħol, jekk timxi, kemm iddum hawn isfel, mill-mogħdija tal-Ħaqq u tas-Sewwa. Mill-għaqal dgħajjef tiegħu, il-bniedem, fil-ħemda jista' jasal sabiex jagħraf xi ħaġa mid-Disinn tal-Provvidenza li fih għandu sehem, jilmaħ mill-bogħod xi xaqq minn dak id-Dawl li jiddi minn dejjem u għal dejjem, u b'hekk jitgħallem jagħraf u jħobb l'Alla aktar mill-qrib!

L-egħġubijiet, is-sbuħijiet tal-Ħolqien nistgħu biss nifhmuhom xi ftit meta nkunu mwarrba mill-ilsna mimlija semm ta' din id-dinja; meta nkunu fil-ħemda. Hemm nistgħu nitgħallmu li dawn l-egħġubijiet, dawn is-sbuħijiet bla nuqqas u bla tebgħa ma jistgħux ikunu magħmula ħorrox borrox, ma jistgħux ikunu borġ rimi *li nħalaq waħdu*, l-anqas jistgħu ikunu taħlit ta' *materja* magħmul u maħruġ mit-tidwir u mit-tul taż-Żmien (kif jifhmu dawk li ma jemmnux fir-ruħ), wisq inqas jistgħu jkunu għamla ta' liġijiet għomja, liġijiet bla maħsuba, liġijiet maħruġin mid-dlamijiet ta' dak li moħħ il-bniedem ma jistâx jifhem!

Ħalli nħarsu ftit lejn dik is-siġra li kibret hemm f'xatt ix-xmara mingħajr l-ebda għajnuna t'id il-bniedem; lejn il-ħxejjex li jikbru mad-dawra tal-għadira, lejn ix-xemx ħamra u ħanina li qegħda tistaħba taħt ix-xefaq tal-baħar, lejn id-dlamijiet li jiġu wara li jgħottu lid-dinja sakemm dak ix-xemx targa' jfeġġ min-naħa l-oħra tad-dinja, lejn dawk il-kwiekeb li qe'd ipetptu fil-għoli tas-smewwiet, jekk nisimgħu il-ħsejjes li jwaħħxu tar-rwiefen, il-qliel tal-ilmijiet li jinżlu ma' tul il-lejl, u l-għada, hekk kif jibda' jbexbex, mill-ġdid nilmħu id-dawl ta' Xemx Rebbieħa jinfirex fuq l-art niedja u jiknes quddiemu l-waħx tad-dlamijiet; jekk il-ħarsa tagħna taqa' fuq il-ħdura tal-għelieqi, fuq is-silġ li jibajjad il-qċaċet tal-iġbla, fuq l-ilma safi tan-nixxiegħa li jinżel jiċċarċar mal-blat fil-waqt li jmur jitħallat mal-gliegel l-oħra tal-ilmijiet li għaddejja minn taħt il-għoja u flimkien jissuktaw triqthom sakemm jaslu l-baħar, nistgħu aħna lil dawn l-egħġubijiet, lil

dawn is-sbnħijiet, immorru nsejħulhom *cumbinazzjoni*, jew *liġi għamja tan-natura*, nistgħu aħna niċħdu lill-Ħallieq ta' dana kollu, nistgħu nwarrbu minn quddiem moħħna l-Kobor, id-Dehen, il-Għerf u s-Setgħa tal-Ħallieq ta' kull ħaġa?

Iżda, mhux biss fil-ħemda aħna naslu biex ingħarblu dan kollu? Kemm hawn min jiddejjaq mill-ħemda? Kemm hawn min saħansitra jiwerwer minnha? Ma jmissniex aktar niddejqu u nibżgħu mill-ħsejjes, min-nies u mill-għadiet ħżiena talibliet milli mis-sikta u l-ħlewwa tax-xagħri? F'tal-ewwel, il-bniedem isib ruħu mitluf f'taħlita moqżieża li ddennes lir-ruħ kif ukoll il-ġisem, tal-aħħar iġġibilna s-sabar u l-indafa fit-tnejn.

L-ebda tmeżmiża ma għandha tiġina li nibqgħu weħidna għal ftit tal-ħin, li ngħixu għal ftit sigħat imwarrbin minn knll maħluq fis-sikta tal-beraħ; f'din is-sikta, f'din il-ħlewwa, aħna aktar nistġħu naraw u nifhmu tajjeb il-kobor ta' dik l-Id li hi l-Għammiela u l-Ħallieqa ta' kull ma naraw ma' dwarna, ta' dik l-Id li hi l-bidu ta' kull ħaġa, ta' dik l-Id li Għaliha m'hemm l-ebda Tmiem.

**Alf. Nicholas.**

# KRITKA

Jekk inħarsu lejn "kemm" qiegħed jinkiteb bil-malti, għandna biex nitfarrġu, għaliex il-għadd tal-kittieba kotor, u bil-bosta, u x-xogħol sejjer il-quddiem bil-ħeġġa: iżda jekk inħarsu lejn "kif" jinkiteb il-malti, qalbna tingħafas, u nitħassru lil dawk li xi drabi għandhom rieda tajba, sabar u żmien kemm iridu u jaħasra għal xi nuqqas ta' ħsieb, għal ftit tal-għaġla, u, ngħiduha wkoll, għal nitfa ta' l-indifferenza, ma jatux lill-ħsebijiet ta' moħħhom u lit-tqanqil ta' qalbhom dik il-libsa letterarja li tixraq, u hekk, għal dik li hi arti, jintilef is-siwi ta' kull ma jiktbu.

X'uħud igħidulek: Aħna niktbu biex nagħmlu ftit tal-ġid, u xejn ma nitgħabbew bil-ħsieb ta' *kif* għandna niktbu. Fehma ħażina; għaliex għalkemm il-ħsieb l-aqwa, is-sura li fiha jidher issarraf ħafna. Bniedem liebes imċewlaħ jagħmel dehra ħażina, imqar jekk ikun għani jew għaref, fejn ieħor liebes tajjeb; u fil-waqt li dan jiġbdek, l-ieħor jimbuttak u jregħxek.

Għalhekk il-lum bdiet tinħtieġ daqsxejn ta' tgħarbila biex wieħed jagħżel dak li hu tajjeb letterarjament minn dak li hu ħażin, jew kajman. Din it-tgħarbila tagħmilha "Il-Kritka;" u aħna ħsibna li fir-Rivista tagħna, bħala Rivista letterarja, nibdew ma' l-ewwel għadd ta' Il-Malti tas-sena 1932, indaħħlu il-Paġna tal-Kritka. Mingħajr ma nidorbu jew inweġġgħu lil ħadd, aħna niflu, sa kemm nilħqu, xi kotba li joħorġu ġodda, ngħidu aħna rumanzi, novelli, stejjer, bozzetti, poeżija, għana popolari, artikoli, u, kif ikun jidhrilna, ngħidu fejn sar ħażin, fejn sar mhux ħażin, fejn sar tajjeb, u fejn sar aħjar.

Naħsbu li din il-kritka tkun ta' fejda, u tasal biex issaffi xi ftit il-letteratura maltija, li għalkemm fiha ħafna qamħ, fiha wkoll bosta karfa u żrar li jekk jintaħnu flimkien ma jistgħux jatu ħobż tajjeb.

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

**KTIEB ĠOŻWE,** maqlub mill-lhudi minn Dun P.P. Saydon. *The Empire Press, 1931.*

Dan hu s-sitt wieħed fost il-kotba mqaddsa mfissrin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon. Mal-ħames wieħed ingħalaq u ntemm il-ktieb ta' Mosê, iżda l-ġrajja ta' Ktieb Ġożwê huma t-tmiem tal-ġrajja tal-kotba ta' Mosê, għax jekk fl-aħħar ktieb ta' Mosê l-lhud waslu qrib art Kangħan bla ma daħlu fiha, fi ktieb Ġożwê l-lhud jidħlu f'art Kangħan, jirbħuha u jaqsmuha bejniethom. Għalhekk ktieb Ġożwê magħżul mill-kotba ta' Mosê, iżda l-ġrajja tagħhom marbutin flimkien.

Dal-ktieb sabiħ bħal ta' qablu kollha. Fih ġrajja mżewwqa; l-aktar,taqbid u rebħ u fuq kollox tagħlim tal-aqwa fejda: Alla jwiegħed u qatt ma jonqos milli jwiegħed; Alla jeqred imqar ġnus u saltniet sħaħ jekk ma joqogħdux għal li jrid Hu.

Aħna fil-waqt li nifirħu lill Dun P. P. Saydon li laħaq Professur fl-Università nittamaw li jsib iż-żmien ukoll biex jibqa' joħroġ dawn il-kotba. Nixtequh u nitolbuh bil-ħerqa li jlaħħaq dawn il-kotba sal-aħħar.

Infaħħru l-*Empire Press* tal-mappa sabiħa bil-kulur li hemm fil-bidu ta' dan il-ktieb.

S.

# IL-WERREJ
# TAS-SEBA' SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Għadna mexjin . . . . . | | 3 |
| Warda li tgħid ġrajjietħa . . . . | Dun Karm | 5 |
| San Pawl *kuntent* . . . . . | T.Z. | 9 |
| Dwar il-Pirċissjoni ta' S. Girgor . . | Kan G.M. Farrugia | 11 |
| Frak. . . . . . . . | Dun Karm | 14-45 |
| *Folklore* Malti . . . . . . | A.C., M.A. | 15-67 |
| Is-snin fiż-żmenijiet il-qodma . . . | Sajdun | 18 |
| Il-mewt tal-għsfur ta' Lesbia . . | A.C. | 22 |
| Mastru Ġakbu . . . . . . | T.Z. | 23 |
| Il-Berġa tal-Italja fi żmien l-Ingliż . | G. Gatt | 26 |
| In-nemla u l-werżieq . . . . . | T.Z. | 32 |
| Biblijografija . . . . . . | | 33-71-97-126 |
| Il-Kalendarju l-ġdid internazzjonali . | G. Grixti | 36 |
| Poeta titwieled, ma ssirx . . . . . | | 41 |
| P. Grabiel Fabricy O.P. u Mikiel Anton Vassalli . . . . . | P.S. M. Zarb | 43 |
| Żewġ irħamiet tal-Kaldin f'Palermu . | A.M. Galea | 46 |
| Id-daqqaqa ta' dari . . . . . | T.Z. | 48 |
| Għanja ta' mħabba . . . . . | K. Bethsajda | 51 |
| Nisel u tifsir il-Kliem . . . . . | Sajdun | 53 |
| Għidud Malti . . . . . . | Dun Karm | 55 |
| Ir-regħba—Il-Għorab . . . . | T.Z. | 56 |
| Dwar Ktieb tal-għana tal-Knisja . . | Kan. G.M. Farrugia | 57 |
| Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Ngħaġa u l-Ljun | Dun Karm | 59 |
| Ta' Frankuni . . . . . . . | G.D.D. | 60 |
| Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi . | G. Gatt | 62 |
| Il-bniedem jiżra', Alla jsaqqi u jkabbar | C.M.B. | 66 |
| Ir-rebħa ta' Pupull . . . . . | T.Z. | 69 |
| Għall Letteratura Maltija . . . | | 73 |
| Tagħrif fuq il-Malti . . . . . | P. S. M. Zarb O.P. | 75 |
| Gżejjer żgħar fl-Imperu Ngliż . . | T.Z. | 78 |
| O Radjo . . . . . . . . | Dun Karm | 80 |

faċċata


| | | |
|---|---|---|
| Il-Kelma Mulej . . . . . | Rev. C. L. Dessoulavy | 82 |
| Iż-żrinġ u l-Barri. . . . . | T.Z. | 83 |
| L-ewwel Sajda . . . . . | Alfa | 84 |
| L-iskrapan Maltin fl-ewwel żmien tal-Ingliżi f'Malta . . . . | G. Gatt | 88-115 |
| Lejla, bint Hasan. . . . . | T.Z. | 92 |
| Laqam ta' ħwejjeġ li sar isimhom . | T.Z. | 95 |
| Inħobbu l-lsien Malti . . , . | | 101 |
| Lill-Knisja . , . . . . | Dun Karm | 104 |
| Ilsien Malti u lsien tal-Marokk . . | T. Z. | 105 |
| Qalb l-Egħlieqi . . . . . | A. Cremona | 111 |
| Is-Sentiment Reliġjuż fil-kliem u fil-għidud Malti . , . . | Dun Karm | 112 |
| Kliem Għarbi fit-Taljan u fil-Malti. . | Sajdun | 119 |
| Fejn kienet il-Ġenna tal-art . . . | Dun P. P. Grima | 121 |
| Xewqat . . . . . . | C.M.B. | 123 |
| Il-Hemda . . . . . . | Alf. Nicholas | 124 |

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

UNIVERSITY LIBRARY MALTA

# POSTA

Ilu ftit waslitilna poeżija, jisimha "Sfog ta' Qalb Maqsuma" fuq il-firma ta' "Id-Għajjiena." Aħna qrajniehom il-versi, u nistgħu ngħidulu lill-kittieb tagħhom li m'humiex ħżiena, u li b'xi messa ħafifa l-hawn u l-hinn ikunu jistgħu jidhru f' "Il-Malti". Imma billi ma hix drawwa tagħna li nilqgħu kitba bla isem għal-kollox, ngħidulu lill-awtur illi għallinqas jibgħatilna il-biljett tiegħu, imqar biex nafuh aħna biss.

Fil-ħin niżżuħajr lil dan il-kittieb mill-kliem ħelu ta' ġieħ li qalilna, u mit-telqa għal kollox li biha ntelaq fil-fehma tagħna jekk għandhom jidhru, jew le, il-versi tiegħu fir-Rivista "Il-Malti."

EMPIRE PRESS